† Verbum Dei Caro Factum Est.



# JIENA HUKHOM ĠUŻEPPI...

LOTUS PRESS — ZEJTUN
1948

# L-Istorja

# ta'

# GUZEPPI BIN GAKOBB

**Nihil Obstat.**

*Melit Die 22 Dec. 1947*

*P. Paulus Tabone O.F.M.*

*Cens. Theol.*

**Imprimatur.**

*Datum in Curia Archiepli Melit.*

*Die 23 Dec. 1947*

*† Em. Galea Ep. Tralles in Asia*

*Vic. Gen.*

(Proprietá Letterarja)

# L-Istorja ta'

# GUZEPPI BIN GAKOBB

## Il-kelma ta' qabel.

*Wahda mill isbah stejjer li nsibu fl-Iskrittura Mqaddsa, u li turi tabilhaqq il-mohba tat-toroq li Alla l-Imbierek jghaddi minnhom lill-bniedem, hija li storja ta' Guzeppi Bin Gakobb.*

*Din l-istorja fiha zewg faccati mnejn thares lejha. Il-faccata tal-ghali u l-gwaj, u l-faccata tal-glorja u l-gid, fuq it-twajjeb Guzeppi, u min jaqra bl-attenzjoni din il-grajja jsib hafna x'jitghallem u x'jistghageb fuq il-mod kif Alla jaf jaghmel l-affarijiet Tieghu.*

*Dak li ser nghidu mmela f'dan ir-rakkont hu meh-ud mill-Iskrittura Mqaddsa mill-ktieb tal-Genesi rakkuntat fil-kliem taghna.*

# GUZEPPI BIN GAKOBB

## Gakobb u l-familja.

KIEN hemm immela ragel xwejjah jismu Gakobb, li nannuh kien dak Abram li Alla kien kelmu tant drabi u qallu li minnu kellu jislet nisel kbir tal-ghageb u li minn dan in-nisel kellu jitwieled il-Messija. Dan kien nisel il-Poplu Lhudi.

Gakobb mela kellu tnax l-ulied b'kollox. Fost iz-zghar kellu 'l Guzeppi, wiehed mill-ahjar fosthom, tifel kwiet, u azzjonih tajba; Tghidx kemm kien ihobbu missieru Gakobb. M'ghandniex xi nghidu il-bniedem jinhabb jew jintbaghad minn azzjonih.

Tant kien ihobbu missieru li darba ghamillu libsa specjali b'hafna kuluri. U ma kenitx libsa, ghax qanqlet il-ghira ta' hutu kollha, u kienet kawza li bdiet diehla f'qalbhom mibgheda kbira ghalih. Kos is-sahta ta' l-ghira tidhol anki fost l-ahwa!

Biex tkompli tagghad, darba Guzeppi ra lil hutu jaghmlu xi haga hazina u billi hu kien tant tifel tajjeb, u dritt, u jibza' minn Alla, mar gzahom lil missieru, u dil-haga kompliet ghaqqdet ic-cirku u zieded l-ghira li kellhom ghalih.

Izda Alla kien mohhu f'dan il-guvnott. Alla kellu hsebijiet kbar fuqu u ried li jaghtih posizzjoni wisq gholja, u ried li jinqeda bih biex jaghmel gid kbir fl-Egittu.

Izda sa ma jasal ghal dan il-post, Guzeppi kellu jghaddi minn gharbiel fin, minn niket u minn gwaj ta' kull xorta. Alla mmela kien ma' Guzeppi, u biex Alla jaghti hjiel lil hutu u lil missieru x'ghad ikun dan it-tifel, mar hallem lil Guzeppi zewg holmiet tant cari li hut Guzeppi u missieru fehmuhom mill-ewwel.

Qallhom Guzeppi mmela: "Jiena hlomt li ahna lkoll konna qed norbtu l-qatet fil-ghalqa, u fil-waqt li l-qatta ta' kull wiehed minnkom waqet quddiem il-qatta tieghi, tieghi biss baqghet wieqfa".

"Hlomt ukoll—kompla ighidilhom—li jiena rajt ix-xemx u l-qamar u hdax il-kewba qeghdin jadurawni.

"X'tahseb li sed tkun, jewwilla! — qalulu hutu — ma naghmlux li ghad tkun sultan taghna?" U daru ghalih qatta bla habel b'hafna diskors ta' tmaqdir. Anki missieru stess ma tantx nizlitlu, u qallu: "Jaqaw jien u ommok ukoll ghad ninzlu naghtuk qima fuq l-art?" Ghadilli missieru dil-

kelma hassbitu hafna ghax kien jaf Guzeppi x'tifel kien, u baqa' jahseb fuqha.

Dawn iz-zewg holmiet, izda nisslu ghira kbira f'qalb hutu tant li ma kenux jistghu jarawh izjed b'ghajnejhom.

Darba wahda Gakobb sejjah lil Guzeppi, u qallu: "Ara ibni, mur hdejn hutek qeghdin jirghu n-nghag fil-kampanja, u ara hux kollox sewwa, u ejja ghidli halli nserrah rasi."

## Frott il-ghira.

Guzeppi kollu ubbidjent erhielha ifittex lill-hutu u wara li gera l-hawn u l-hemm u jistaqsi, irnexxilu jilmahhom, ghax kienu il boghod mid-dar bicca sewwa.

Hutu meta raw lil Guzeppi gej, "Ha, ara min gej! Gej il-halliemi. Issa giet ix-xoqqa f'moxtha biex nehilsu minnu, hawn ma jkun jaf hadd. Nehilsu minnu, nehilsu minnu, noqtluh u nitfghuh f'hofra, u nghidu li xi annimal selvagg qatlu".

Izda wiehed mill-ahwa li kien jismu Ruben, raha iebsa wisq li jcappsu jdejhom bid-demm ta' huhom, u beda jara x'jahseb kif jiffrankalu l-mewt. "Le huti, le, taslux sa hawn. Ftakru li dak huwa huna, ara x'taghmlu ghall-anqas, hawn dan il-bir vojt itfghuh hawn u tidhlux ghal pis kbir ta' delitt bekk fahxi." (Issa Ruben qal hekk ghax kellu f'rasu li minn hemm ikun jista' jehilsu hu baxx baxx).

Guzeppi sadattant wasal hdejhom. Oh, x'hasda! Veru li l-passjoni tghamieh lill-bniedem. Inxtehtu fuqu bhal klieb irrabjati, nezzghuh il-libsa ta' fuqu kollha kuluri li kien ghamillu missieru, u bla ma taw widen ghal biki tieghu, nizzluh go dak il-bir bla ilma, ghalqu l-bieba, u qaghdu jieklu il-hobz taghhom bil-qeghda fuqha.

Guda, wiehed mill-ahwa, li donnu kien jixbah lil Guda li biegh lil Kristu, qallhom lil hutu: "Mhux ahjar indahhlu xi haga tal-flus u nbighuh, inkella nhalluh imut hawnhekk. Ara, minn hawn ighaddu hafna sinjuri Ismaeliti, jixtruh zgur meta jarawh ghadu fuq tieghu, u b'rihet hekk anqas incappsu jdejna bid-demm ta' huna".

Il-proposta nghogbot, u malli spicca l-kelma haga tal-ghageb dehru gejjin hafna Madjaniti li kienu jgorru fuq karwana ta' igmla taghbija ta' fwejjah u hwawar ohra. Kienu neguzjanti kbar li jixtru kollox.

Malajr tellghu mill-bir lill-Guzeppi u n-negozju sar ukoll, u l-imsejken tifel ta' Gakobb, it-twajjeb Guzeppi, gie mibjuh irsir b'ghoxrin bicca tal-fidda.

Oh, x'qasma ta' qalb hass fuqu meta rah ser jinfired ghal dejjem minn missieru u ommu u hutu, u ma jafx la fejn sejjer u lanqas x'ser isir minnu! Izda xejn la tibza' Guzeppi, Alla ghadu hemm, Alla jaf b'kollox. Kun af li Alla nnifsu qed jidderiegi l-passi tieghek halli ghad titla' fuq it-tron ta' l-Egittu.

Trid tara kemm ghela ghalih huh Ruben, meta gie u ma sabux hemm billi hu kien illarga dak il-hin li Guzeppi gie mibjugh.

Allura hut Guzeppi qatlu gidi u bid-demm tieghu cappsu l-libsa ta' huhom li kienu zammew ghandhom u baghtuha ghand missierhom Gakobb ighidulu: "Ara tarafhiex dil-libsa u ta' min hi?... Annimal selvagg qatel lil ibnek Guzeppi."

Tistghu tahsbu, Ghezizez Huti, x'hass l-imsejken missier, meta gharaf il-libsa ta' ibnu Guzeppi. Oh, kemm beka' bil-qalb! "Oh, m'hemmx hena ghalija aktar fid-dinja. Irrid immur hdejn ibni Guzeppi fid-dinja l-ohra," beda jitnighed u jghid, u sabar ma seta' jsib imkien; allavolja uliedu taparsi bdew isabbruh.

## Irsir fl-Egittu.

Frattant l-imsejken Guzeppi gie mehud irsir fl-Egittu u dawk innegozjanti li xtrawh regghu bighuh lil wiehed kaptan tas-suldati ta' Farawni li kien jismu Putifar.

Malli Guzeppi rifes id-dar ta' Putifar Alla l-Imbierek tefa' l-barka Tieghu wkoll fuq din id-dar. Dak risq! Dak gid!

Veru li fejn hemm it-tajjeb hemm il-barka t'Alla.

Xi drabi ghalhekk f'certi familji jezisti dak in-nuqqas ta' ftehim, glied u tilwim (mhux slaleb, taf, biex niftehmu tajjeb, ghax dawn ma jistghux jonqsu) fejn hemm il-glied, fejn hemm id-dnubiet, jigifieri m'hemmx l-imhabba t'Alla u lanqas tal-proxxmu oqghod zgur li m'hemmx barka t'Alla.

Putifar, sid Guzeppi, ferah bih ferm u sar ihobbu u ghamlu kmand fuq il-gid kollu li kellu f'daru. Izda x-xitan li xejn ma kien habib ta' Guzeppi, billi Guzeppi dejjem beza' minn Alla kif ghedna, ried ideffes denbu. Imma b'dana kollu Alla kien, u baqa' jmexxi t-toroq mohbija tieghu fuq Guzeppi.

Gara mmela li l-mara ta' Putifar tefghet ghajnejha fuq Guzeppi, u ttentat tittradixxi lil zewga, izda Guzeppi mimli bil-biza' t'Alla zamm jiebes. "Min, jien?—qalilha—naghmel dat-tort lil sidi Putifar...?" u harab minnha. Izda hi meta rat r u h h a avvelita hatfitlu l-manteli tieghu u tefghet fuqu l-htija, u gzatu lil zewgha meta gie.

Putifar minghajr ghaqal, u minghajr ma qaghad jgharbel sewwa biex jara il-fatti kif kienu, emmen lil martu, u lil Guzeppi tefghu f'qiegh ta' habs bla htija.

## Fil-habs.

Guzeppi fil-habs. "Imma ghala dan kollu fuqi?" nisthajlu beda ighid Guzeppi f'qalbu. "Aktar ma nimxi dritt fid-dinja aktar naqla' fuq wicci. Imma Alla jaf b'kollox, ikunu mbierka il-hsebijiet Tieghu fuqi. X'jimporta billi n-nies tad-dinja huma kollha kontra tieghi, basta Alla hu mieghi."

Il-kalzrier immela, tghidilna l-Iskrittura, ha grazzja mieghu u ftit ftit beda javdalu kollox f'idejh, tant li Guseppi fi ftit zmien sar *in charge* tal-habsin kollha u kollox kien taht it-tmexxija tieghu.

Issa gara li fil-habs gew migjuba zewg servi tas-sultan Farawni imhabba xi nuqqas li kienu ghamlu.

Wiehed minn dawn kien dak li jservi bl-ikel fil-mejda lis-sultan, u l-iehor dak li jservih bix-xorb.

Dawn gew imqieghda taht il-hsieb ta' Guzeppi, u Guzeppi ha hsiebhom wkoll.

Darba wahda dawn it-tnejn holmu holma kull wiehed, u t-tnejn qamu mwerwrin. Ghax kos certu holm li jkun gej minn Alla ihalli mpressjoni kbira hafna fina.

Guzeppi rahom qalbhom sewda fil-ghodu: "X'ghandkom—staqsihom—X'buri sbahtu bih dal-ghodu?" "Uh—qalulu—x'holma hlemna dal-lejl. Kieku nsibu lil xi hatt ifissirhomlna jahasra, kemm ahna mhawdin." "Ghiduha lili—qalilhom Guzeppi—Alla jaghtini d-dawl infissiromlkom." U dak li kien iservi lis-sultan bix-xorb qallu: "Jiena hlomt li qieghed hdejn dilja li minnha hargu tliet ghenieqet sbieh ta' l-gheneb. F'idi kelli t-tazza tas-sultan u jien qbadt dawn l-ghenieqed u bdet nasarhom go fiha u newwilt lis-sultan halli jixrob."

Ahbar tajba, habib—qallu Guzeppi.—Dawk it-tliet ghenieqed huma tlitt ijiem ohra wis-sultan jahfirlek, tehles mil-habs, u jibghat ghalik biex terga' tibda s-servih."

"Issa ha nghidlek kemla,—kompla ighidlu Guzeppi,—haqqni li meta inti tkun ghand is-sultan tiftakar issewwili kelma mieghu? Ghidlu l-istorja tieghi, fhemu ftit kif jien qieghed hawn bla htija, habib." "Mela le," qallu l-iehor, u ferah wisq bit-tifsira li tah tal-holma.

"U jiena?" qal l-iehor, li kellu seba' mitt sena biex ifissirlu l-holma tieghu, "Jien hlomt li kont ghaddej b'kannestru fuq rasi bi tliet

hobziet sbieh go fih, u l-ghasafar ta' l-ajru bdew gejjin fuqu u jieklu mill hobz. "Ahbar hazina habib, tehux hasda...qed naghli ghalik. Imma ahjar nghidlek car u tond. Dawk it-tliet hobziet huma tliet ijiem ohra, is-sultan inkurlat ghalik, ser inehhilek hajtek u jdendlek ma' salib, u l-ghasafar ta' l-ajru iqattghu mill-katavru tieghek bla hniena".

Inhallikom tahsbu x'baqa fih dan ta' l-ahbar. It-tnejn baghqu mbellha fuq it-tifsira tal-holma taghhom, u ghalkemm kien ghadu ma gara xejn, it-tnejn emmnu lill Guzeppi ghall mod car u sod li fisser il holmiet taghhom u l-impressioni tal-ghageb li halliet fihom it-tifsira nehhitilhom kull dubju li ma kellux isir kollox kif kien qallhom Guzeppi.

## Kollox kif qal.

Mahfur mis-sultan u mahrug mill-habs, dak li kien inewwillu l-imbid, wara tliet tijiem raga sab l-impieg li kellu u arah mill-gdid bit-tazzi tal-imbid iferrah lis-sultan, u l-iehor, miskin, habat hazin ghax wara tliet ijiem, kif kien qallu Guzeppi gie mghallaq f'nofs xghara u gismu gie muaqqar mill-ghasafar bicca bicca.

## Jghaddi iz-zmien.

Mela ghaddew armajn sentejn fuq din il grajja u lejla wahda is-Sultan Farawni holom holma kbira.

Johlom li qieghed f'xatt ta' xmara u minn go l-ilma jilmah telghajn seba baqriet kbar u smien ta' gmiel liema bhalu li telghu jirghu qalb il-haxix bnin. Warajhom ifaccaw seba baqriet ohra, izda dawn kienu xort'ohra. Kienu maghlubin u nixfin donnhom auqas jifilhu izommu fuq riglejhom. B'dana kollu dawn ta' l-ahhar resqu fuq il-baqar is-smien u f'kemm ili nghidlek belghuhom. Farawni stembah, skanta ghal ftit hin u malajr regghet marret ghajnu bieh u jarga johlom holma ohra tixbah wisq lil ta' l-ewwel. Johlom li qed jara sebgha zbuliet tal-qamh sbieh u mimlija b'kull qamha daqshiex, izda ekku sebgha zbuliet ohra daghjfin u mizbukin nibtu taht l-ohrajn u fi ftit hin dawn in-nixfin iddevoraw liz-zbul mimlija u gibhuhom fix-xejn.

Farawni stembah min-naghas tieghu u qabad fieh biza kbir imhabba f'dawn iz-zewg holmiet "Dawn—beda ighid—dawn ifissru xi haga' u xi haga kerha" Ghax kos meta holma tkun gejja minn Alla timpressjonana wisq u taghmel effett kbir fina. Bosta drabi, kwasi dejjem, il-holm ikun ikkagunat minn-natura taghna, jigifieri jiddependi mill-ikel li nkunu kilna, u min-normalitá tal-menti taghna, u x'naf jien, ghat illi Alla l-Imbierek bosta drabi jinqeda bil-holm biex jgharrafna xi haga kbira, bhal ma naraw

kif ghamel ma' San Guzepp meta baghtlu anglu ikellmu fil-holm aktar minn darba.

Dawn il-kasi huma rari hafna, u holma minn-nahha t'Alla tingharaf wisq tajjeb mill-qawwa li tahdem fuqna.

Il-holma ta' Farawni kienet holma minn Alla, izda Farawni ma setghax jifhem xi tfisser, u allura ghodu ghodu imbixkel ferm fi hsiebietu baghat malajr ghal fissiera kolla tal-holm. Izda dawn kolla wehlu quddiemu, u hatt ma setgha fijsser la l-baqar u l-anqas iz-zbul.

## Ftakar fl-ahhar....

Issa gara li dak l-imbierek ta' serv li jnewwel l-imbid lis-Sultan, li darba kien fissirlu l'holma Guzeppi fil-habs, malajr ftakar f'Guzeppi u qal: "Eh...oqghod...ta' min jaghddilu kelma mas-Sultan, haqqu." (Isa, ahjar tard minn qatt, almenu ftakar. Ghax kos bosta nies tarahom jiksrulek rasek sa ma jehdu xi haga minn ghandek u mbghad wara li tkun qdejtom spicca kollox anqas jghatu kas tieghek.)

Intant dan resaq quddiem Farawni, u qallu: "Ja Sidi jiena naf ragel li qieghed fil-habs, hatt hliefu ma jfisser il holmiet tieghek. Nista nghidlek li hu fisser il-holma li hlomt jien u li holom siehbi meta konna fill-habs sentejn ilu u tliet ijiem wara dawn il-holmiet gew imwettqa haga b'haga."

"Ibghatu ghalieh, qallhom Farawni, gibuh quddiemi malajr u issa."

## Quddiem Farawni.

Hin bla waqt ordnijiet kontra ordnijiet. Lil Guzeppi tawh banju bil kif, qaxxrulu l-lehja, gabbrulu nitfa ta' libsa mhux hazin, u f'kemm ili nghidlek arah wieqaf quddiem is-sultan Farawni.

Il-folja bdiet tinqaleb.

Guzeppi kellu xi tletin sena dik il habta u kien fuq ruhu gmielu, wiccu sabieh u persuntu taqalghu.

Is-sultan wara li tah daqqa t'ghajn minn fuq s'isfel, beda bl'akbar attenzjoni jirrakkuntalu l-holmiet tieghu wahda wara l-ohra, haga haga, mimli bit-tama li jkollu it-tifsir taghhom.

Meta spicca, Guzeppi, mimli bli spirtu t'Alla gharaf malajr x'ried ifissirlu Alla, u: "Ja Sire—qallu—il holmiet tieghek ifissirhomlok Alla tieghi, u mhux jien. Jien nghidlek biss li z-zewg holmiet ifissru li stess, u oqghod cert fuq it-tifsira cara taghhom li sejjer natik.

"Tant is-seba baqriet smien u kemm is-seba zbuliet mimlija ifissru seba snin ta' gid u gid bil hela fuq l-art kolla, izda wara dawn is-seba

snin jigu seba snin ohra ta' ghaks u guh kbir fuq l-art li il gid kollu li jkunu giebu maghhom is-snin ta' l-ewwel jintefghu bhal bahh quddiem is-snin tal-guh u l-gwaj kbir li jaqa fuq id-dinja, u ghalekk ja Sire jiena naghtik parir li tahtar ragel ta' ghaqal kbir minn fost in-nies tieghek li bil hila tieghu jaghraf jahzen kemm jiflah qmuh u gid iehor fiz-zmien tal-gid, halli meta jigi zmien il ghaks ikollok x'jaghmel tajjeb."

## Guzeppi Vicire'.

"Fejn ser insib iehor ahjar minnek?, kien pront ghajjat Farawni, meta semgha tifsir hekk car u sod tal-holmiet tieghu. Hatt hliefek ja salvatur ta' l-Egittu ma jehu f'idejh din l-impriza kbira. Jiena lilek naghti kollox, kollox inhalli f'idejk, inti toghqod ma genbi, u barra minni ma jkun hawn hatt fl'Egittu kollu daqsek jew akbar minnek." U Farawni gieblu libsa tal-harir fin u libbisielu, dendillu ma ghonqu kullana ta' deheb fin, anzi araw sa fejn wasal is-Sultan meta nghidilkom li nehha minn subghajh ic-curkett tieghu stess u qighedu f'seghba Guzeppi, u kkmanda li jigi mxandar ma l-art kollha bhala Vicire' ta' l-Egittu.

Ekku d-driegh t'Alla, ekku d-disinji tas-Sapjenza t'Alla imwettqin. Il-hsieb t'Alla wasal. Spicca l-ghali, spiccaw il-malafami, spiccaw l-ingustizzi, spicca il-habs, spiccat id-dbatija, Guzeppi bin Gakobb fuq is-sedja tad-deheb isaltan hdejn Farawni bhala Vicire' ta' l-Egittu kollu.

Min jaghraf il-hsiebijiet tieghek, O Alla, esklama l'Appostlu San Pawl fl'ittra tieghu, jew min isib tarf tat-triqat tieghek? Kemm ahna zaghr jahasra ahna li minn xi daqqiet nippretendu li nindahlu fid-disinji tal-Provvidenza Tieghek.

Farawni allura wara dan zewweg lil Guzeppi banda tajba hafna u Guzeppi kellu zewg ulied li semmihom wiehed Manasse u l-iehor Efraim.

## Il-guh

Intant il-holma ta' Farawni waslet f'sighata, u beda gej gid fuq id-dinja ta' ghama, kullumkien imfawwar, il-qamh kien mormi u ma jafux x'jaghmlu bieh.

Guzeppi ghaldaqstant b'ghaqal kbir gharaf jirranga biex jahzen kwantitajiet kbar u kbar ferm ta' qmuh u hwejjeg ohra, li ma kellux fejn jitfa izjed. Il-kalklu kien precis, u tohrog il-ghageb malli skadew is-seba snin tal-gid, beda resaq il ghaqs fuq id-dinja.

Ma kullimkien beda jaghfas il-guh barra minn fuq l-Egittu. Guzeppi beda johrog mill-hazniet kbar tieghu il-htiega ghall-poplu kollu u hatt ma naqsu xejn.

Ix-xnieha tal-gid fl'Egittu gighalet lil hafna nies mill-ibghat artijiet jigu biex jixtru il-qamh.

Gakobb missier Guzeppi, li minn ghalieh Guzeppi kien ilu mejjet is-snin il-kbar, mill-art tal-Kanaan fejh kien joghqod, sejjeh lill-uliedu, u qallhom: "X'tistennew li mmutu bill-guh? Ghamlu bhal hattiehor morru go l-Egittu u ixtru il-qamh qabel ma noghxew bid-debbulizza. Hemm gid bir-radam, morru isa, morru inthom il-ghaxra u dan l-iben iz-zghir tieghi Benjamin halluh hawn mieghi li ma jmurx jigrilu xi haga fit-triq, biz-zejjed l-ghalja kbira li kadt fuq hukom Guzeppi." U allura Gakobb baght lill-ghaxar ulied tieghu fl-Egittu biex jixtru il-qamh, u erhilhom sejrin tlikki tlikki bill-hmir taghhom, ghax kos kellhom gibda ta' triq gmiela.

## Quddiem Guzeppi

Issa billi t-taqsim tal-qmuh kien f'idejn Guzeppi Vicire', l-ghaxar tahwa resqu quddiemu biex jixtru il-qamh. Huma ma gharfuhx b'xejn, izda huwa gharafhom. "Iva dawn huti, qal f'qalbu, iva huti." U min jaf x'hass f'qalbu dak il-hin. "Tara...Eh,..." beda jghid, x'hin bed jiftakar fil-holmiet li darba kien holom ta' meta ra ix-xemx u l-qamar, u l-kwiekeb jinzlu jghatuh qima, meta lemah quddiemu lill dawk l-ghaxar tahwa jinzlu sal-art isellmulu. "Mur ghidilhom li kellu isehh kollox!......

Guzeppi izda ma wera xejn li gharafhom, u filwaqt li qalbu bdiet thabbat sitta sitta bl-imhabba, ried jaghddihom kocc mill-gharbiel tal prova. "Qed nissuspetta—qallhom—li intom mhux biex tixtru il-qamh gejtu, izda biex titkixxfu fuq il-fortifikazzjonijet ta l'Egittu. Gharaftkom tafux. M'inthomx haga ohra hlief spiji, taparsi gejtu biex tixtru il-qamh. Se tahbtu hazin."

"Le, ja Sire, tahsibx hekk. Ahna ulied ta' familja mill-ahjar. Missierna baghtna hawn ghax hemm guh kbir f'pajjisna. Ahna konna tnax ahwa ghaxra gejna hawn, wiehed jinsab mejjet, u l-iehor, iz-zghir nett, baqa ma missierna ghax ihobbu daqs ghajnejh u baza li jigrilu xi haga..."

"Le, le, inthom spiji, jiena ser nibghatkom fil-habs, qallhom il-Vicire', sa ma nara sewwa x'inhi l-affari taghkom." U bic-cajt ic-cajt tefghahhom ghal tliet tijiem fil-habs. Eh, tghid xejn, dbezbiza floka tajba, u tiswa. Bdew ighidu u igedwdu bejniethom: "Waslet sieghatna. Id-delitt taghna fuq huna Guzeppi qed jahdem fuqna. Haqqna aktar minn hekk."

## Ikompli jrosshom.

Wara tliet ijiem il-Vicire' baghat ghalihom mill gdid quddiemu, u rega haqqaqa maghhom u qallhom: "Biex nemminkom irrid nara lill-

hukhom li gheddtuli hallejtu ma missierkom." (Da zgur, kellu seba mitt sena biex jara lil buh iz-zghir) "Imur wiehed minnkom lura ghand missierkom u igib mieghu lil dan hukom, inkella ser tispiccawha hazin mieghi".

Issa il-Vicire' kien jithaddet maghhom bil-lingwa ta' l'Egittu permezz ta' interpretu u taparsi ma kienx jifhem il-lingwa taghhom.

Ruben wiehed mill-ahwa, dak li darba kien hada kontra hutu imhabba Guzeppi u kien salvalu hajtu minn taht idejhom, dak il-hin dar lejn hutu u qallhom: "Hudu, ja ta qalb iebsa, kontx ghedtilkom jien biex ma tahqruhx lil Guzeppi, u inthom webbistu raskom u qalbkom,"

Guzeppi naturalment fehem x'qal Ruben ghalkemm huma ma hasbux li fehemhom. Uh...tghid l-Iskrittura, qalbu nqasmet, ghajnejh faru biddmuh u biex jabbi l-fawra ta' wiccu kellu jitwarrab ghal ftit hin biex ma jurix.

Reggha mbghad dahal quddiemhom u qallhom: "Jiena ser inzomm wiehed minnkom kawn u il-bqija jmorru bill-qamh ghand missierkom u jigu lura b'hukom li ghidtu jismu Benjamin, halli mbghad jien nitlaq lil hukom l-iehor." U rabat dak il hin lil huhom Xmun, u lill-ohrajn baghthom, u bla ma wrihom heba fl'ixkejjer taghhom il-flus ta' kull wiehed li kien hallas ghall-qamh sehmu.

## Hadna bil-herra....

Bill-ghajnuna t'Alla temmew il-vjagg twil taghhom, b'dawk l-imbierka hmir igbed u gib lil min jigbed sa ma fl ahhar waslu mill-gdid ghand missierhom Gakobb, u rrakkuntawlu kollox haga b'haga: "U hej kemm hadna bil-herra dak ir-Rajjes, ma ha grazzja maghna xejn. Hasibna spiji, tefghana l-habs, u issa irid jara lil ibnek iz-zghir, inkella ma jitlaqx lil huna Xmun li zammu mieghu" "Ma tehduhx,—qallhom Gakobb,—Ma tehduhx zgur, bizzejjed xrobt imrar b'hukom Guzeppi, ma tehduhx ghax ser ittemmuni bil-ghali..."

Kellu ragun. Imma ghid minn hawn u ghid minn hinn fl-ahhar Ruben ipperswadieh u qallu: "Ja missier oqghod cert li ngibulek lura. Nghamillek tajjeb jien. Jekk ma ngibulekx lura oqtolli z-zewg uliedi".

Kompla mbghad il-ghageb u l-biza dar bieghom meta fethu li xkejjer u sabu il-flus ta' kull wiehed shah gewwa fihom. Ma setghux jifmu kif saret din il-haga.

## Benjamin imur ukoll.

Intant bid-dmugh f'ghajnejh Gakobb kellu ihalli lil ibnu Benjamin imur maghhom fl-Egittu. Bit-tiela u bin-niezla waslu mill-gdid quddiem il-Vicire' Guzeppi.

Guzeppi li allura ra li giebu maghhom lil huhom, ordna li jigu trattati tajjeb fill-palazz tieghu.

L-ahwa kolla kienu mwerwrin bil-biza, imhabba li kienu sabu il-flus taghhom fl-ixkejjer. Forsi hazbu li kien xi zball, x'ghamlu? 'Sabu baxx baxx lill dak inkarigat li taghom il-qamh, u qalulu:, "Ara jahasra sar xi zball. Meta hadna il-qamh, fl-ixkejjer taghna sibna lura l-flus li hallasna. Ahna gibna issa l-flus lura doppji, u anki gibnilu xi rigali lis-Sinjur, forsi ma jehodniex bl'ahrax. Kemm ahna mghollija..."

"Isktu isktu, tinkwetawx ruhhkom—qallhom dak ir-ragel kollu hlewwa—Alla taghkom qabes ghalikom, u kollox jigi dritt."

U allura dahhalhom fis-swali tal-palazz u is-sefturi tal-Vicire', bl-ordni mohbija tieghu stess, haslulhom ilkoll riglejhom skond id drawwa tal-mistednin, u trid tara xi stima laqghuhom biegha din id-darba.

Il-hmir taghhom haduhom fl-istalel tas-sultan u dafruhom dafra bil-gwies liema bhala.

Hut Guzeppi bilwieqfa fis-swali tal-palazz tal-Vicire', meta bdew jaraw dik li stima kollha, tfixklu u ma setghu jifmu xejn. "Dawn xi bcejjec huma?" bdew iharsu lefn xulxin u jghidu.

Izda il-kbir kien ghadu gej.

Kienu immela migbura flimkien, u Benjamin it-tifel iz-zghir ta' Gakobb maghhom, jistennew lil Vicire' lesti bir-rigali f'idejhom li kienu giebu maghhom ghalieh, jirtghodu bil-biza halli jaraw kif ser jispiccawha. (Ghalkemm dak ir-ragel li tkellmu mieghu fuq l-affari tal-flus kien bengililhom xi ftit)

Targa xi hatt kien qallhom li humu kienu mistiedna ghal pranzu.

## Jigi l-Vicire'.

Ghal habta ta' nofs-inhar wasal il-Vicire' Guzeppi, ruhu bierga biex ifittex jara lil huh iz-zghir.

## Qalbu rieded tohrog.

Baqgha diehel dritt go nofshom, u filli dan b'salt wiehed hutu kolla intasbu b'wicchom ma l-art quddiemu isellmulu, u mbaghad b'idejhom merfugha l-fuq, offrewlu r-rigali taghhom.

Guzeppi ma kellux sabar. Malajr wiegeb ghat-tislima taghhom, u: "Missierkom ghadu haj?" saqsihom, u sadattant b'ghajnejh izebbgu ifittex lil huhom Benjamin go nofshom...

"Missierna ghadu haj, mimli bil-ghomor, ja Sidna—wiegbuh malajr

l-ahwa—u jinsab f'sahtu."

"U hukhom iz-zghir li kellkom iggibu, fejnu?"

"Hawn hu, ja Sidna." U fil-hin ipprezentawlu lil Benjamin.

Malli Guzeppi hares lejn Benjamin huh iz-zghir, ah...qalbu riedet tohrog minn sidru...bilkemm felah ighid kelma ohra...u biex ma jghatix fil-ghajn qallu: "Alla jberkek, ibni, Alla jberkek."...u hin bla waqt kellu jizgicca minn quddiemhom ghax qalbu thabbat sitta sitta ma felhitx iz-zomm aktar u d-dmugh minn ghajnejh beda hiereg bhal xmara.

## Il-pranzu.

Wasal imbaghad hin il pranzu, kollox kif kien ordna Guzeppi.

Pranzu bil kif. Kollox bil hela u mill-ahjar, u mbid bix-xabgha.

Liz-zghir qieghdulu quddiemu kemm jieklu hamsa.

Guzeppi mitluf f'dellirju ta' ferh, ghalkemm zamm kemm setgha biex ma jurihx, qghad magembhom jiekol u jixrob mohhu u ghajnejh fihom jiflihom wiehed wiehed, u jghid f'qalbu: Mur ghidilhom...eh? Mur ghidilhom li jien Guzeppi?...

Allura il-buri ghaddielhom ghal kollox. Da'zgur...insew kollox, anzi min jista jfisser il-ferh li garrbu meta sabu ruhhom f'dik ix-xalata kolla, jieklu mal-Vicire' stess...?

Izda Guzeppi ried izied minnhom.

Guzeppi ma riedx jurihom li hu kien huhom ghal issa, deherlu li kien ghad haqqhom dbezbiza ohra.

Imhabba vera ma tinfiritx mid-dixxiplina. Meta jkun mehtieg li tigi uzata d-dixxiplina specjalment fil-familji, qatt m'ghanda tigi mfixkla mill-imhabba zejda. Kemm genituri ifissdu lil uliedhom u jibqghu lura fill-korrezzjoni li tant tkun mehtiega.

Sewwa jghidu li l-fsied ihassar lit-tfal. Intant.

## It-tazza tal-fidda

Il-pranzu kien spicca b'wicc il-gid u ulied Gakobb, ferhanin se jtiru bdew jahsbu halli jmorru lura lejn missierhom b'taghbija qamh ohra, u xejn ma hasbu li kienu gew milghuba ghal darba ohra.

Bill-mohbi taghhom il-Vicire' Guzeppi sejjah lill-inkarigat mill-qmuh, u qallu: "Imliehom li xkejjer taghhom bil-qamh u mliehomlhom sewwa sa fuq, u f'kull xkora erga' qieghed il-flus li tawk, u fl-ixkora taz-zghir flimkien mal-flus ahbi t-tazza tal-fidda li nixrob minnha jien taht ir-rabta taghha u ibghathom, u mbghad nghidlek x'ghandek taghmel."

Dan sar kollu malajr, u l-ghada filghodu kien kollox lest ghat-tluq, il-hmir imghobbija bil-qamh lesti ghat-triq, (kellhom ipattuha qares l-ikla li kielu,) u ulied Gakobb erhewla mill-gdid ghal art tal-Kanaan ghand missierhom.

Malli hargu mill-belt u kienu dbeghdu bicca sewwa, il Vicire' ordna malajr lis-serv tieghu inkarigat mill-qmuh, u: "Igri—qallu—mur ilhaqhom, zommhom, u ibda fiecilhom fl-ixkejjer sa ssibilhom il-flus u t-tazza tieghi, huda maghhom kemm tiflah, u gibhom lura hawn."

B'heffa ta' berqa s-serv tal-Vicire' mar u lahaqhom u zammhom f'nofs triq: "Iqfu—qallhom—Ghala ghamiltu azzjoni hekk hazina lil minn ittrattakom tant tajjeb...? Wara li tant ghamel maghkom, il-Vicire', kellkom il-hila tisirqulu t-tazza tal-fidda tieghu stess li hi tant ghal qalbu, Zommu, ifthu li xkejjer, ja hallielin..."

Kieku faqqet sajjetta magenbhom, ma kienhux jiehdu l-hasda li hadu, zgur, ghal canfira bhal din.

"Ghala qed tghidilna hekk, habib,—qabzu qalulu whud mill-ahwa —mela inti nsejt meta ahna gejna lura u ghednielek li sibna l-flus fl-ewwel xkejjer taghna bla ma konna nafu. Jewilla ma raddejnilekx il-flus lura, anzi tajniek daqshom darb'ohra?

"Ma tarax li ahna m'ahniex ser naslu sa hawn li nisirqu l-fided tas-sultan? Fittex, fittex kemm trid, habib, fl-ixkejjer taghna u nqar ghand min issiba jsir is-serv tas-sultan ghal ghomru."

## Tfittcija fl-ixkejjer

Tista' tahseb, ghaziz qarrej liema kien il-ghageb u l-biza tal-ahwa kollha meta s-serv tal Vicire' beda johrog il-flus mill-ixkejjer tal-qamh u fl-ahhar hareg mill-ixkora ta' Benjamin it-tazza tal-fidda.

Kollha baqghu cassi... xtaqu li l-art tiblahhom... bdew imeru l-ghajnejhom u jharsu lejn xulxin...anqas kellhom hila jghidu kelma wahda.

"Tarawx—qallhom is-serv ta' Guzeppi— Tarawx il-qerq taghkom. Insieken inthom jekk tahbtu difrejkhom mas-sultan. Hadd minkhom ma ghandu jibqa sejjer. Imxu mieghi lura lkoll ghand is-sinjur halli jitkellem maghkom hu."

Fost il-ghali ta' qalbhom, ulied Gakobb, igebbdu hwejjighom min fuqhom bid-dispjacir, regghu ghabbew l-ixkejjer taghhom fuq il-hmir u rhewla lura ghal ghand il-Vicire' bla ma jafu fejn jaghtu rashom.

Ta min jinnota hawn li Guzeppi m'ghamilx dan bhala att ta vendetta kontra hutu. Le, kienet il-boghod il-vendetta mil-qalb nobbli tieghu.

Dan ghamlu biex aktar igghalhom jifhmu d-dnub kbir taghhom l-imghoddi u jiehdu lezzjoni li ma jinsewha qatt.

Mitfughin ilkoll b'wicchom mal-art quddiemu, il-Vicire' mar jghidilhom:

"Nies brikkuni, ghala gibtu ruhkom hazin daqshekk mieghi, wara li jiena tant ghamiltilkom gid? Intom hsibtu li ser tidhqu b i j a. Ma tafux li jiena nkun naf b'kollox?."

"Ja Sidna—allura wiegeb huhom Guda—x'naqbdu nwiegbuk ahna? X'ragun nistghu niehdu quddiem dawn il-fatti?

"Alla Taghna qed ihallasna ta' dnubietna. Taf x'nista' nghidlek, Ja Sidi, li ahna mil-lum il-hemm ahna l-koll irsiera tieghek u mqar dak stess ukoll li fl-ixkora tieghu nstabet it-tazza tieghek. Hudna u ghamel bina li trid."

Ghandek tghid hija verita' shieha li l-bniedem wahdu jiftakar fi htijietu u jisghobih minnhom meta jsib ruhu fil-gwaj u fis-salib.

Ftit li xejn nahsbu u nindmu minn dnubietna meta ahna nkunu gawduti u ma jonqosna xejn.

## Il-kastig

"Le, ma nghamilx hekk—wiegeb Guzeppi—Alla ma jridx li nahqarkom ilkoll. Min seraq it-tazza haqqu l-kastig.

"Morru, morru 'l barra lkoll u dak li seraq it-tazza j i b q a hawn, ikun irsir tieghi ghal dejjem."

Kienet stallettata ghal G u d a. Hu l-aktar wiehed li wieghed lil missieru Gakobb li jgiblu lura zgur lil Benjamin, u haliflu li jgibulu anki jekk jaf li x'jaf.

Taghtu rasu x'hin sema' lill-Vicire' johrog b'din il-fehma, u mimli bit-tama, ghamel il-qalb u resaq hdejn Guzeppi jitrighed u talbu billi hniena biex ihallih ikellmu ftit qabel jiehu dik id-decizzjoni.

"Ja Sidi—mar ighidlu—tghajjatx mieghi. Jiena rajt li inti staqsejt aktar minn darba u urejt rispett kbir lejn missieri li ahna hallejna fl-art ta' Kanaan. Issa kun af, Ja Sidi, li dan missieri hu ragel kbir u dalwaqt iwilli, xgharu bjad qotna, ghax ra' fuq wiccu kemm felah, specjalment kien tilef wiehed minn uliedu li tant kien ihobb.

"Dik ir-reghxa baqghet tahdem fuqu sallum, u ma jistax isib sabar (U Guzeppi jisma).

"Meta inti l-ahhar darba kont bghattna lura biex ingibulek lil huna z-zghir, kieku taf kemm hadha bi kbira...u ma riedx jitilqu mn'idejh. Ma setghatx tinzillu li jinfired minnu anqas ghal ftit taz-zmien billi hu mixghuf

mid-dizgrazzja ta' l-iehor, u kieku ma kontx jien, ja Sire, li rahhamtlu fuq il-premura li urejt inti halli ngibuh, zgur ma kienx ihalih jigi.

"Issa ghidli—kompla jghidlu Guda—ja Sidi, x'ruh tibqa fih jekk ahna mmorru minghajru...Ghidli x'wicc ghandi jien n e r s a q quddiemu minghajr hija Benjamin...Nitolbok b'wicci mal-art, ja Sidi, zomm lili min f'loku...

"Li hija Benjamin ma jmurx lura ghand missieri din tfisser bla dubju il-qerda tax-xwejjah missieri...Oh msejken kemm kellu jixrob imrar!... Zomm lili minn floku, inti ikollok minni serv fidil sal-mewt... Almenu thallinix immur nara lil missieri imut quddiemi..."

## Guzeppi juri ruhu.

Il-kliem ta' Guda fuq missieru fiera ghal kollox il-qalb ta' Guzeppi, ghax kos l-imhabba u r-rispett li dejjem kellu lejh ma twarrbet qatt minn qalbu u mohhu kien dejjem fih.

U allura Guzeppi li ma setghax izomm aktar il-molla tas-segriet mohbi go qalbu; ikkmanda malajr biex in-nies barranin kolla li kienu fis-sala johorgu, barra naturalment dawk tal-familja u hutu, u kif wahhal il-harsa tieghu fissa fuq hutu kolla li kienu jharsu lejh, b'dawk l ghajnejn sbieh tieghu li isahhru bix-xrar tal-imhabba hiereg minnhom, infexx f'bikja kbira, u jolfoq gholla il-lehen tieghu, jghid:

"AH...JIENA HUKOM GUZEPPI...GIBULI LIL MISSIERI HALLI NARAH"...

Kesha kbira hassew tigri ma' demmhom kollu.

Hasbu li kienu qed joholmu. Malli semghu d a l - k l i e m, hutu kolla bagghu cassi jharsu lejh bla ma jiccaqqhalqu u fil-hin gew inse' u gharfuh tajjeb, donnhom anqas ma riedu jemmnu dak li kienu qed jaraw.

Mitfija ghal kollox fih id-dehra taparsi inkurlata, G u z e p p i b'wicc tas-sema kollu hlewwa: "Ejjew lejja...ersqu lejja Huti l-Gheziez—qallhom—Jiena hukom Guzeppi li intom beghtu fl-Egittu"

## Id-diskors ta' Guzeppi.

"Tibzghux izjed minni, anzi insew issa l-htija taghkom, ghax ghal-kemm intom inkastu li mxejtu mieghi hekk hazin, minn naha l-ohra dan sar ghax hekk kien fid-disinn tal-hsiebijet t'Alla l-Imbierek li hatt ma jifhem il-hsiebijiet Tieghu.

"Iva kienet rieda t'Alla li ghada pitghada jien kellu jkolli f'idejja dil hakma kolla.

"Alla ghogbu jinqeda bija, serv umli tieghu, biex jehles mill-qirda

tal-gub lill-art tal-Egittu u anki ghalikom stess.

"Alla haseb fikom permezz tieghi. Ga ilu sentejn il-ghaqs qed jahqar lid-dinja u il-gwaj ghad jaghfas izjed fil-hames snin li ghadhom gejjin, izda intom u l-Egittu kollu ma jkun jonqsu xejn.

"Seba' mitt sena ghandi li narga nara kemm jista jkun malajr lill-mahbub missieri. Intom tafu kemm kien ihobbni u jien kemm kont inhobbu. Morru gibuh halli narah u ghidulu min hu dak is-sinjur li hadha maghkom daqshekk bl-ahrax u bil-herra.

"Morru gibuh u ghidulu liema seta' kbira fuq l-Egittu kollu u fuq li stess dar ta' Farawni Alla ghogbu jafdali f'idejja.

"Jiena nhobbkom u ninsa l-htija taghkom u min issa nghidilkom li mill-lum il hemm intom ma jkun jonqoskom xejn. Intom tigu mieghi fl-Egittu flimkien ma missieri fl-art ta' Gessen.

"Intom u l-familji taghkom kolla. Hawnhekk ma jkun jonqoskom xejn. Gibu kollox, kull ma ghandkom, nghag, imriehel, kollox, u ghammru vicin tieghi b'uliedkom u wlied uliedkom.

"Qieghed nara li ix-xrara ta' ghajnejkom bhal issa u ta' hija z-zghir Benjamin qgheda twettaq tabilhaqq li il-kelmiet tieghi niezlin tassew go qalbkom."

Oh xi hlewwa...kemm hi sbejha l-imhabba! Kellu ragun San Gwann l-Evangelista issejjah lil Alla nnifsu:- *Alla huwa imhabba.*

## It-taghnnieqa.

Kienet haga li jistenniha kullhatt, malli Guzeppi spicca il-kelmiet tieghu, bhallikieku imbuttati minn xi molla kbira, l-ahwa kolla ta' Guzeppi grew ghal fuqu u mqabbdin mieghu, kif tghid precis li-Skrittura ma riedu jitilquh b'xejn.

Ix-xena ta' Guzeppi imghannaq ma' huh iz-zghir Benjamin, it-tnejn jibku bl-imhabba, kienet xena li ma ghandu hila jiddiskrevha hatt.

Meta damu jgebbdu fih u jbusuh kemm jifilhu u Guzeppi jbus lilhom, rega' ghamlilhom premura halli jfittex jara lil missieru u qaghad jitkellem maghhom ghal hafna hin.

## Farawni

Meta spiccat din ix-xenata ta' mhabba, halli nsejhilha hekk, malajr griet l-ahbar fid-dar ta' Farawni bil-migja ta' l-ahwa tal-Vicire' tal-Egittu, Guzeppi.

Is-sultan Farawni li kellu qimu kbira lejn is-salvatur tal-Egittu Guzeppi, bghat ghalih u bil ferha kollha qghad jisma minn ghandu il-grajja kolla.

Naturalment Guzeppi allura bdielu l-storja kollha mil-bidu u mimli bl-imhabba t'Alla, (li ghandi nahseb bhala veru serv tieghu) beda ifhemu fuq id-disinji tal-ghageb tal-Provvidenza t'Alla.

Veru, Alla jmexxi il-movimenti kolla tal-hlejjaq tieghu. It-tregija tal-Provvidenza tieghu huwa ghageb li l-mohh ckejken taghna ma jlahhaqx mieghu.

Il-bniedem liberu jghamel li jrid minn naha tieghu, u Alla li minghajr dubju hatt ma jlahhaq mieghu jkun qed jahdem u jwettaq il-hsiebijiet tieghu, minn naha l-ohra.

Kellu ragun l-Appostlu Missierna jisklama u jghid *"U min gharaf il-hsibijiet tal-Mulej...? jew min ta lilu parir...?"*

Kemm jghix hieni l-bniedem li jgharaf dawn il-veritajjet u f'kull ma jsib ruhu fih fid-dinja mqar l-akbar ghawg u kuntrarju, jerfa harstu lejn il-Missier tas-sema u jghidlu:

"Kollox inti tmexxi, O Mulej, kollox. Inti ghamilt li jkun hekk... Tkun imfahhar ghal dejjem"

## Farawni jiehu sehem

Is-sultan Farawni u l-familja kolla tieghu ferhu bla tarf ghal din il-bicca u hu ordna malajr li l-ikbar stima tigi mghotija lil hut Guzeppi u kellem lil Guzeppi u qallu: "Hu dak kollu li jinhtieg u ghamel usu minn kull ma trid, karrijiet u vaguni u kull mezz iehor ta' trasport halli missierek jkun jista jigi malajr.

"Kollox hu ghad-disposizzjoni tieghek biex anki jigu l-familji ta' hutek kolla b'kull ma ghandhom.

"Jiena noffrilhom il-gid kollu tal-Egittu. Gib lil kulhadd jiena ghandi pjacir bihom ilkoll, erhilhom jgawdu u ma jkun jonqoshom xejn".

U Guzeppi mimli b'dawn is-setghat lilu mghotija mis-sultan Farawni stess, fetah fetha jdejh ma' hutu kif kien imiss. Ghammarhom bi lbiesi godda lkoll, flus, karozzi u x'naf jien.

Lil Benjamin iz-zghir ried jiddivrenzjah xi naqra izjed mill-ohrajn. Telaqlu f'idejh tlett mitt bicca tal-fidda u lbiesi tah ghal tnejn hamsa.

## Imorru ghal Gakobb

Kollox kien imhejji malajr biex imorru ghax-xwejjah Gakobb.

Prucissjoni kbira kbira ta' ngenji, karrijiet, taghbijiet ta' qmuh, u hwejjeg ohra tal-ikel ghal ma' tul il-vjagg u mitt gid iehor.

Qabel ma telqu Guzeppi, ghamlilhom xi twissijet u fost l-ohrajn qallhom: "Araw li kollox imur bil-ghaqal, u qisu li fit-triq hatt minn-

kom ma jitlewwem. Zommu l-imhabba."

Kos minn halq it-tajjeb dejjem tistenna hwejjeg tajba u twissijiet ghal gid.

U bil-qajla l-qajla bdew mixjin, hargu mill-Egittu u bdew joqorbu lejn l-art tal-Kanaan.

L-imsejken Gakobb jistenna fuq ix-xwiek li jara mill-gdid lil uliedu, baqa skantat ghad-dehra ta' dak il-gid kollu li waslu bih.

Wara li ta daqqa t'ghajn li kollha kienu waslu lura b'wicc il-gid u lemah lil Benjamin ukoll allura ha r-ruh, u: "Uliedi —qallhom— mnejn dan il-gid kollu?...Dan x-ifisser?"

"Stenna Missier...Stenna ghax ghandna x'inghidulek hafna...

## Il-bxara.

Gakobb imdawwar minn uliedu kollha fid-dar tieghu, wara li dawn zarmaw fuq fuq it-taghbijiet tieghom u qghadu ghal mument kollox floku:

"Missier—qalulu—Guzeppi ghadu haj...Guzeppi ibnek ghadu haj...u hu qighed jahkem fuq l-Egittu kollu bhala Vicire'...dak is-sinjur li kellimnik fuqu d-darba l-ohra huwa ibnek Guzeppi stess..."

Gakobb haseb li kien qed johlom, ma riedx jemmen. Da zgur... Izda meta beda jara dawk l-ingenji kollha, dak il-gid, qghad issummat ghal ftit bhallikieku biex jipprova jipperswadi ruhu.

Minghajr dubju mbghad huma stqarrewlu l-istorja kolla mill-bidu sa minn meta kienu bighuh lill-Madjaniti, li Gakobb qghad jisma bid-dmugh f'ghajnejh, u mbghad mimli b'xewqa li hassietu tikollu 'l qalbu minghajr sabar esklama u qal: "Oh ma narax il-mument li niltaqgha mieghek oh ibni Guzeppi...Min kellu jghidli li ghandi narga narak fil-hajja tieghi... Ibni Guzeppi, Ibni Guzeppi hallini narak qabel immut..."

## Jizzikhajr lil Alla

Gakobb mbaghad, kif jghamlu nnies kollha li jhobbu tabilhaqq lil Alla, erhilu jhejji ruhu halli iirringrazzjah.

Huwa mar fuq il-bir tal-wegheda (li baqgha jissemma il-Bir ta' Gakobb). Hemm offra sagrificci lil Alla mill-ahjar, tal-beneficcju kbir li ghamel mieghu.

Hekk ghandu jaghmel in-nisrani li wara li jkun talab lil Alla b'tant herqa biex jaqla xi haga ghandu bl-istess herqa jirringrazzjah, anki wara li jkun qala' minn ghandu.

Alla l-Imbierek ha pjacir wisq bis-sagrificcju ta' Gakobb u ndenja

ruhu jidhirlu f'dehra bil-lejl u beda jsejjahlu: "Gakobb, Gakobb." U Gakobb is-serv fidil t'Alla wiegeb u qal: Hawn jien Sinjur, xi trid?"

U Alla qallu: "Jiena Alla li jista' kollox, Alla ta' missierijietek. Mur, mur Iben tieghi fl-Egittu. Din hija r-rieda tieghi, u Jiena nkun mieghek u ma nhallikx. Jiena nbierkek u minnek naghmel poplu kbir.

"Mur hdejn ibnek Guzeppi u Jiena nbierek l-ghaqda taghkom."

## Kulhadd ghal Egittu

Minghajr telf ta' zmien Gakobb flimkien ma wliedu kollha u l-familji taghhom bdew jahsbu biex imorru joqghodu fl-Egittu ghal kollox.

Bicca tahbita mhix zghira, ghax kos biex tkarkar dak k o l l u li kellhom; merhliet, nghag, hmir, sefturi, ghamajjar, u daqshekk familji u nies u tfal u x'naf jien, mhix bicca tac-cajt.

Gakobb, uliedu, n-nisa taghhom, uliedhom u uled uliedhom kienu numru gmielu. Bizzejjed nghidu li kienu jlahhqu is-sebghin ruh.

Kollox mghobbi fuq il-karrijiet u vaguni u ngenji ohra malli bdew mixjin kien fihom x'tara tassew.

Meta bdew joqorbu lejn l-art tal-Egittu, Gakobb haseb biex jibghad quddiem qabel ma jaslu huma lil ibnu Guda.

"Mur inti qabilna ghand ibni Guzeppi u ghidlu li missierek huwa gej. Ejja halli tilqghu. Huwa jistennik f'Gessen."

Guzeppi li k i e n jistenna bxara, malajr malajr rama' l-karozzi tieghu u bla telf ta' zmien erhiela ghal Gessen b i e x jiltaqgha mal-mahbub missieru.

## Il-laqgha l-kbira

Inhalli ghalik, ghaziz Qarrej, iggib quddiem ghajnejk k i f setghat kienet il-laqgha ta' Guzeppi ma missieru Gakobb.

Hadd ma jiddubita li Alla ma marx iwiezen dawk il-qlub b i e x jistghu jirrezistu ghal tahbitiet hekk kbar.

Uh... Malli lemah ix-xwejjah Missieru, u malli missieru lemah lil iben tieghu li min ghalih annimal feroci kien ddevorah... Oh, imghanqin flimkien f'telfa ta' mhabba wara firda ta' tant snin bid-dmugh icarcar minn ghajnejhom bhal xmajjar, ix-xwejjah Gakobb l-istess bhal Xmun li kien ra lil Messija, mar jesklama u jghid:

"Halli mmut issa u mmut ferhan, ghax issa rajt il-wicc tieghek oh ibni Guzeppi.

"Le le ma jiddispjacinix li mmut basta rajtek haj fil-hajja tieghi."

Din ix-xena grat naturalment fil-prezenza tal-familja k o l l h a ta' Gakobb, u m a setghux dawn kollha ma qaḃdux jibku wkoll bil-ferh ghad-dehra ta' Guzeppi. U allura kienet xena mil-kbar.

Guzeppi bi lbies rejali tieghu bis-servi kollha tieghu jduru ma dwaru beda jdur f'nofshom u jifrah b'kulhadd. Issa jkellem lin-nisa ta' hutu, issa jerfgha liz-zghar taghhom, u hekk ghadda dak il-jum tal-ferh.

Kos dejjem hekk kienet id-dinja u l-hajja tal-bniedem. Issa nibku, issa nifirhu, issa mnikktin bil pis tas-salib fuq spallejna, nibdew nahsbu li l-farag spicca ghal kollox, u filli dan jigi zmien tajjeb u ninsew il ghali, u forsi nahsbu li issa ma jkun jonqosna x e j n u l-mewt tkun wara l-bieb.

U min jista' jobsor il-gejjieni?... Hadd hlief Alla wahdu.

## Ulied Guzeppi

Issa ta' min jkun jaf ukoll li Guzeppi fiz-zmien tieghu go l-Egittu kien izzewweg u kellu zewg subien u kien semmiehom, i l - w i e h e d Manasse u l-iehor Efrajim.

## Ghand Farawni

Guzeppi mbaghad gabar lil hutu kollha flimkien mal-familji taghhom qghad f'nofshom ikellimhom u jwissihom x'ghandhom jaghmlu u kif ghandhom igibu ruhhom, u qallhom:

"Issa billi jiena naf, ja huti, li inthom dejjem ghextu bil-frott u l-gid li jhallu l-imriehel, u li intom imkissrin sewwa f'dan il-mestier, jiena nahseb li l-ahjar haga li naghmlu li nuru lis-sultan Farawni dina l-haga, li fil-waqt li jhalli f'idejna din l-art kbira ta' Gessen inthom ikolkom merhliet kbar u gid iehor.

"Issa—kompla ighid Guzeppi—jigu mieghi hamsa minnkom quddiem Farawni u meta hu jkellimkom intom uruh dawn ix-xewqat li tibqghu f'Gessen halli tkabbru il-merhliet. Qisu li taqblu fl-imkien fi kliemkom, mas-sultan nirrangaw kollox."

Wasal mbghad Guzeppi ghand Farawni fejn ressaq il-hamest ahwa li gew mieghu u qallu:

"Ahna hawn sultan. Missieri u huti jinsabu fl-Egittu, dawn huma hamsa minnhom. Huti kollha gew bil familji taghhom u giebu maghhom kulma kellhom ferhanin bl-istedina tieghek f'dan il-pajjis tal-gid, ghax f'pajjizhom ma jistghux jghixu."

Is-sultan Farawni kellem lil hut Guzeppi u laqghahhom b'rispett kbir, u staqsiehom x'inhi s-sengha taghhom.

"Ahna rghajja tista' tghid ilkoll—wiegbuh—u ahna mkissrin tajjeb fit-trobbija tal annimali. Izda hej dan l-ahhar ma stajniex inkampaw izjed imhabba l-ghaks li waqgha f'pajjizna. Fejn taf, kollox niexef qox-qox. Anqas bicca haxixa fix-xghari taghna fejn inzommu n-naghag."

"Dik l-art ta' Gessen fejn waqafna, u ghad hemm missierna, tidher sombor ghalina, kieku int jahasra, ja Sultan thalliha fi hsiebna."

Tajjeb tahseb naqra x'ser tghid qabel titkellem specjalment ma xi superjur.

Farawni allura sejjah lil Guzeppi u qallu: "Mhemmx ghalfejn nghidlek, l-Egittu kollu b'kulma fih hu kollu tahtek u inti tikkmanda kollox waraja. Thallihomx igemgmu lil hutek. Ghazlilhom fejn trid u ghatihom li trid. Jekk joghgobhom Gessen, ghatihom Gessen. Jiena maghhom ma nfittex xejn, anzi jekk taf li huma nies tal-qata' ghatihom is-seta' li jamministraw anki l-merhliet kbar tieghi."

Dak rispett eh...

Sewwa ghedna fil-bidu li l-bniedem jinhabb u jinbghad minn az-zjonih, u t-tajjeb ihobbu kulhadd. Jinhabb fil-familji, jinhabb minn nies li jaghmluha mieghu, u wara kollox ihobbu Alla wkoll.

"Gibniha zewg—bdew jghidu hut Guzeppi—sibna xortina tassew ma huna. Ma haqqniex ghax li kien ghalina qridnieh."

## Gakobb u Farawni

Kien ghad baqgha l-ahhar xena ta' ferh ghat-twajjeb Gakobb. Il-laqgha mas-sultan Farawni.

Farawni xtaq ferm li jkun jaf lil missier Guzeppi, u Guzeppi malajr ha hsieb biex jirranga dil-laqgha.

Guzeppi mar mil-gdid f'Gessen biex igib lil missieru.

Wiehed ghandu jgib quddiem ghajnejh li meta Guzeppi bhala awtorita' tant kbira fl-Egittu kien johrog mill-palazz rejali flimkien mal-ministri tieghu u s-servi b'dak l-ilbies sabieh egizzjan u l-lussu tal-karrijiet u x'naf jien, kien fih x'tara tassew.

Gakobb li fi xjuhifu qatt ma basar li kellu jghaddi min ghalih dan kollu, wara li ghannaq mill-gdid lil Guzeppi erhiela ghal ghand Farawni f'wahda mill-isbah karozzi, tghid xejn, bilqgheda hdejn ibnu Guzeppi.

Milquh fl-isbah sala tal-palazz rejali, x-xwejjah Gakobb b'baffi bajda daqshiex, kellu laqgha kbira ferm mis-sultan Farawni.

Is-sultan ferah bih u bierku u qghad jitkellem mieghu ghal hafna hin. Wara l-ohrajn is-sultan qallu: "Kemm hu l-ghomor tieghek?" u Gakobb

wiegeb: "Jiena llum nghodd mija u tletin sena. Fiehom sofrejt hafna u issa nistenna li mmur ninghaqad ma missierijieti."

Il-bniedem li jkun ghex sewwa kif irid Alla l-Imbierek iz-zmien l-imghoddi anki jekk ikun swielu hafna dbatija, jibda jixtieq li jtemm dal-pellegrinagg tal-hajja b'wicc il-gid u jistrieh fil-paci tal-Mulej.

Mbghad Gakobb mar lura ma wliedu fejn Guzeppi hasbilhom u azzettahom bil-familji taghhom u l-imriehel bla ghadd li kellhom.

Tghahom gid biex jimirhu fih kemm ridu u hadd ma kien jonqsu xejn. Guzeppi ghatilli baqgha fil-kariga gholja t i e g h u, hadd ma kien jindahallu.

Il-ghaqal tieghu fit-tmexxija kien kbir wisq.

Bil-manigg tal qmuh u merhliet kbar ta' annimali huwa kabbar ferm it-tezor tal-Egittu. U n-nies kollha kienet thares lejh bhala r-Ragel ta' hila kbira u ta' qalb tajba.

## Wara sbatghax il-sena

Ghaddew sbatghax il-sena minn dan li ghedna, u Gakobb li allura dahal fl-eta sabieha ta' 147 sena, u bill k e m m kien jiflah jitqanqal minn fuq soddtu, hass ruhu riesaq lejn xifer il-qabar. Ghax dan kollu cajt, tghix kemm tghix fl-ahhar minn hemm tghaddi. Allura hu mill-art ta' Gessen baghat ghal ibnu Guzeppi biex ikellmu.

"Jiena qed inhoss il-mewt fuq xfar ghajnejja, Ghaziz iben tieghi Guzeppi—mar jghidlu—u dalwaqt ir-ruh tieghi thalli dal gozz ghadam qadim minghajr hajja. Jiena xtaqt qabel immut, ja ibni, nurik xewqa li ghandi f'qalbi."

"Ghidli, mahbub missier—wiegbu Guzeppi—x'inhu li jiena nista naghmel ghalik?"

U Gakobb minn fuq is-sodda qal lil ibnu: "Ibni dahhal idek taht ir-rigel tieghi bhala wirja ta' qima lejja u halfa fl-istess hin li wara mewti inti tiehu hsieb tidfinni fl-oqbra stess ta' missierijieti. Jiena nhobbu l-Egittu izda rrid li gismi jkun midfun ma genb dak ta' missierijieti."

Guzeppi wieghed lil missieru anzi haliflu li jwettaq ix-xewqa tieghu u billi ragha li missieru ma kienx jidher fi stat tal-mewt, huwa mar lura ghal palazz tieghu.

Mbghad meta k i e n ghadda ftit taz-zmien iehor Guzeppi semgha li missieru kien mghafus u marid hafna, u ghalhekk bil-ghagla kollha nizel ghal hdejh mill-gdid u mieghu nizzel l i z - z e w g u l i e d tieghu Manasse u Efrajim.

Malli Gakobb semgha li ibnu Guzeppi gie biex jarah ha n-nifs u ferah wisq, u ghen ruhu ha jqum bilqgheda fuq is-sodda.

Iz-żmien kien ghakksu wisq u d-dawl kien hallieh ghal kollox bix-xjuhija. U Guzeppi resaq lejh flimkien ma wliedu u Gakobb qallu:

"Ja ibni kun af li Alla l-Imbierek darba kien deherli fil-pajjiż ta' Luza: art tal-Kanaan u wara li berikni qalli: Din l-art kbira tal-Kanaan ghad tkun il-wirt tan-nisel tieghek ghal dejjem, art kbira u ta' hafna gid. Dawn il-kelmiet ghadhom f'qalbi u jiena llum irrid nghod bhala ulied tieghi tabilhaqq liż-żewg uliedek Manasse u Efrajim, gibhom quddiemi ja Ibni halli nbierekomlok u mill-lum il h e m m ikunu qishom veri uliedi bhal Ruben u Xmun, ressaqhom lejja..."

U Guzeppi ressaq quddiem missieru liż-żewg uliedu, imhabba li Gakobb ma kien jara xejn, u ressaq lil kbir Manasse in-naha tal-lemin u ż-żghir Efrajim in-naha tax-xellug.

Izda meta Gakobb g i e biex iberikhom dawwar idejh u mess lil tal-lemin b'idu x-xellugija u lil tax-xellug b'idu l-leminija.

Izda lil Guzeppi din il-haga ma daqqitlux u h a b a t s e r inehhi idejn missieru ghax haseb li ha zball, izda missieru mnebbah mis-sema kien jaf x'qed jaghmel. "Hallini ibni hallini—qallu—ghax ghandek tkun taf li l-quddiem ibnek iż-żghir Efrajim ikun a q w a minn Manasse u minnu johorgu popli kbar.

"U jkunu mberkin dawn l-ulied tieghek ghal dejjem u Alla jkun maghhom."

## Mewt ta' Gakobb

Meta mbghad Gakobb hass it-truf ta' hajtu fil-qrib u qrib ferm hu talab li uliedu kollha jingabru ma dwaru, u naturalment maghhom gew ukoll il-familji taghhom kollha u allura quddiem Gakobb fuq is-sodda ta' mewtu ingabret folla ta' nies kbira gmiela.

Alla l-Imbierek mbghad mar inebbah lix-xwejjah Gakobb x'ghad jghaddi minn uliedu kollha w i e h e d w i e h e d, a l l u r a erhilu jibda mil-ewwel wiehed, Ruben. Beda jghidlu x'ghad jghaddi min ghalieh u u x'ghad ikun. Mbghad l i l Xmun, lil Levi, Guda, Zabulon, Issakar, Dan, Gad, Aser, Neftali, Guzeppi, u Benjamin, it-tnax ulied Gakobb.

"Minn kull wiehed minnkom—kompla jghidilhom—Alla ghad jaghmel poplu shieh, u tkunu tiffurmaw it-tnax ir-razza ta' Izrajeli."

Wara dan taghhom il-barka wiehed wiehed, u wara li qghad jaghmlilhom hafna twissijiet ta' veru missier u rahhmilhom biex huma jidfnuh

ma missierijietu, Abram u Isakk fil-post ta' Efron, huwa tella riglejh it-tnejn u stendihom flimkien fuq is-sodda, medd rasu lura u radd ruhu lil Alla.

Hekk kien it-tmiem solenni ta' dan il-kbir patrijarka.

## Il-Iuttu

Malli Gakobb spira, ibnu Guzeppi intefa fuqu jibki jghannqu mieghu, u malajr ordna li l-gisem tieghu jigi bbalzmat skond l-usu. Dan ix-xoghol dam isir erbghajn jum.

L-Egittu kollu ghamilla vistu kbir ghal sebghajn jum, u wara s-sebghajn jum, Guzeppi bil-permess tas-sultan Farawni haseb biex jidfnu fl-art tal-Kanaan.

## Il-Funeral

Kien wiehed mil-gwappi.

Guzeppi ma halla xejn barra minn dak li setgha jsir.

Kien funeral li baqgha jissemma. L-awtoritajiet kollha tal-Egittu, il-familja ta' Farawni, il-kbarat kollha, rapprezentanzi, hut Guzeppi, u numru kbir ta' nies fuq serbut ta' karozzi u vaguni li ma jispicca qatt erhilhom sejrin lejn l-art tal-Kanaan bil-katavru ta' Gakobb mil-Egittu, fejn gie midfun fl-oqbra ta' Isakk u Abram nannuh u l-familja.

Meta mbghad kulhadd irritorna ghall-Egittu, hut Guzeppi, dejjem bir-rimors u l-biza' antik ghat-tradiment taghhom lejh, riedu ghall-ahhar darba jitolbu mahfra solenni lil huhom, u bghatu jghidulu:

"Oh huna Guzeppi, missierna issa huwa mejjet. Nitolbuk b'wiccna ma l-art biex ma tharisx ikrah lejna u li ma tiftakarx izjed il htija antika taghna. Insiha nitolbuk...ahna servi tieghek."

Ghandu jkun hasbu li issa Guzeppi ser jivvendika ruhu. Ma jafux li t-tajjeb, tajjeb jibqa.

Guzeppi malli sema' dan, bid-dmugh f'ghajnejh ma sabx kliem kif jipperswadi lil hutu li hu kien nesa ghal kollox il htija taghhom u weghedhom li zgur xejn ma jkun jonqoshom ghalli gej.

Guzeppi Bin Gakobb dam haj mija u ghaxar snin u mbghad radd ruhu lil Alla Tieghu halli jmur igawdi l-hlas li Alla jaf jaghti lil dawk kollha li jghixu tajjeb fuq l-art u li jibzghu minnu.

TMIEM

LOTUS PRESS — ZEJTUN
1948